**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Priscilla Caruana)**

**-vs-**

**David Jonathan Spiteri detentur ta' l-Karta ta' l-Identita` numru 34589 (M).**

Kumpilazzjoni Nru: 952/12

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Jonathan Spiteri talli:

1. nhar is-16 ta' Settembru, 2012, għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20.15 hrs) ġewwa Triq Ħal-Għargħur, l/o Iklin, u fi nħawi oħra f'dawn il-Gżejjer, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Frances Agius mir-Rabat, Malta;

2. volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-mobajl ta' Frances Agius, liema ħsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47);

U aktar talli fl-istess data, ħin u fit-tlett snin ta'qabel din id-data, fl-istess lok u f'inħawi oħra f'dawn il-gżejjer:-

3. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Frances Agius biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra il-proprjetà tagħha;

4. ta fastidju lil Frances Agius b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il- persuna;

5. għamel lil ħaddieġor inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'għajjat u ġlied;

7. kiser il-Libertà Provizorja billi naqas milli jħares kundizzjoni li ġiet imposta fuqu mill-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. fid-digrieti tagħha datati 24 ta' Settembru 2007 u tal-5 ta' Novembru 2007 li bih l-imputat ma jistax bl-ebda mod jikkomunika ma' l-istess Frances Agius u li ma jbidilx l-indirizz mogħti minnu stess waqt l-eżami li sarlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet ta' helsien mil-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' 'l-imsemmi David Jonathan Spiteri kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 mitt Lira Maltin (1164.69Euro) bhala depozitu u s-somma ta' hamest elef Liri Maltin (11646.86Euro) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tinhareg ordni ta'protezzjoni fil-konfront tal-persuna offiza u tal-familja taghha ai termini tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

Fl-artikolu 214, 215, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 251B (1) u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 251A (1)(a)(b) u (4) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 339(1)(e) u 338(m) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 579 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u
Fl-artikoli 17, 31, 383, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat huma reati gravissimi, li jisthoqilhom biss l-akbar stmerija ghax huma atti viljakki ghall-ahhar, intizi sabiex innisslu biza` fil-vittma bl-iskop li dik il-persuna tissokkombi ghar-rieda tal-awtur ta' dik il-biza u vjolenza.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali netta fi zmien li wettaq ir-reat, kif ukoll tal-fatt li l-imputat hu konxxju li zbalja u li qed jiehu kura psikjatrika sabiex jeghleb d-diffikultajiet tieghu. Il-Qorti temmen li f'dan l-istadju, supervizjoni stretta taf tkun aktar ta' beneficcju milli kwalunkwe piena karcerarja, effettiva jew sospiza. Il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li jibqa' taht il-lenti tal-*probation officer* ser isservi ta' l-aqwa deterrent u dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-piena li jista' jigi soggett ghaliha jekk jonqos li josserva ordnijiet lilu moghtija tul il-perjodu operattiv.

Peress li fiz-zmien meta sehh ir-reat u konsegwenetement il-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mil-arrest l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali ma kienx jipprovdi ghal konfiska tassativa tal-garanzija personali u/jew depozitu, din il-Qorti mhux ser tordna tali konfiska.[1]

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 218, 251A(1)(a)(b) u (4), 251B (1) u 251C, 325(1)(b), 339(1)(e) u 338(m) u 579 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

[1] L-artikolu 579 kien gie emendat bl-Att VIII tal-2015

U biex tipprovdi ghas-sigurta′ tal-parte leza, Frances Agius u l-familja taghha, b′applikazzjoni ta′ l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta′ protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta′ tlett (3) snin.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta′ Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega kemm biex jeghleb l-aggressivita` tieghu kif ukoll kwalunkwe ghajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta′ Trattament.

Tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur ta′ l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**